## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 745/2024 MS*

**Charles O'Flaherty**

**Vs.**

**Nicole Dalli Grech u Andy Grech**

Illum, 3 ta' Marzu, 2025

Kawża Numru: 6

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attur fit-3 ta' Lulju 2024, li bih wara li ppremetta dan li ġej:

> Illi l-esponenti ghandu sitta u disghin sena u prezentement jirrisjedi b'mod permanenti f'dar tal-anzjani ossia Casa Antonia, f'Ħal-Balzan.
>
> Illi l-esponenti kien mizzewweg, izda illum armel u bla prole. In oltre, l-esponenti lanqas m'ghandu familjari ohra

hlief neputijiet distinti, li ma jzommx kuntatt regolari maghhom.

Illi xi zmien ilu l-intimata Nicole Dalli Grech, li hija t-tifla tan-neputi tal-istess rikorrenti, avvicinat lir-rikorrenti sabiex tibda tghinu u tamministralu hwejjgu. Illi ghal dan il-ghan, huwa kien ħatar lill-intimata bħala mandatarja tiegħu sabiex tikkurah, tiehu hsieb, u tamministra hwejjgu bl-ahjar mod, u dan fl-interess tieghu.

Illi l-intimata Nicole Dalli Grech ftit qabel is-sena 2023, kienet talbet lill-esponenti sabiex isellifilha s-somma ta`€150,000 u dan wara li hija kienet talbitu sabiex jghinha tixtri post u peress li hija kellha bżonn dawn il-flus sabiex tirranġa d-dar residenzjali taghha, huwa kien lest li isellfilha dan l-ammont.

Illi b'ingann u bi frodi, minghajr ma prezentawlu kuntratt ta' self, l-imsemmija esponenti Nicole Dalli Grech tramite n-Nutar Anne Marie Tonna, svijaw lil esponenti sabiex jiffirma kuntratt li kien minghalih ta' self izda effetivament kien minflokk kuntratt ta' donazzjoni. Illi huwa gie ngannat ghalhekk mill-imsemmija intimata Nicole Dalli Grech.

Illi ghalhekk, fit-12 t'April 2023 sar dan il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna, kopja hawn anness u mmarkat bhala **Dokument A,** u dan mhux skont il-ftehim raggunt bejn ir-rikorrenti u l-intimata, izda ta' indoli totalment differenti minn dak miftiehem.

Illi l-intenzjoni tal-esponenti qatt ma kienet li jagħti dan l-ammont ta` flus bħala donazzjoni, iżda l-intenzjoni tieghu dejjem kienet li tinghata bħala self. L-esponenti ma inghata ebda dettalji dwar il-kontenut ta' dan il-kuntratt u ghalhekk ma setghax ikun konsapevoli tal-fatt li dan il-kuntratt kien wiehed ta' donazzjoni u mhux ta' self.

Illi meta l-esponenti intebah dan bl-ingann, u cioe li dan il-kuntratt kien wiehed ta' donazzjoni u mhux self, huwa immedjatament pproceda sabiex iħassar il-prokura li huwa kien ta lill-imsemmija Nicole Grech Dalli, u dan ghaliex nduna li din kienet qieghda tqarraq bih.

Illi di piu, wara li dan kollhu gie a konjizzjoni tal-attur, huwa flimkien mal-carers tieghu fid-dar tal-anzjani fejn jirrisjedi ghamel numru ta' verifiki fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu, fejn irrizultalu li mhux talli kien gie ingannat biss fil-kuntratt sureferit, izda li l-istess intimata Nicole Dalli Grech u zewgha Andy Grech, bl-uzu tal-istess prokura li kellhom, kienu qieghdin jimmisaproprjaw il-flus

tal-esponenti, u dan billi uzaw l-istess flus ghall-ghanijiet u skopijiet purament ta' gwadann personali taghhom u tal-familja taghhom, minflokk ghall-kura u *ben essere* tar-rikorrenti, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi irrizulta, mill-i*statements* tal-kontijiet bankarji tal-istess rikorrenti, li kienu qeghdin isiru numru ta' *'withdrawals'* u pagamenti mill-kontijiet bankarji tar-rikorrenti, mill-intimati stess, liema *'withdrawals'* u pagamenti kienu qieghdin isiru ghal oggetti, servizzi, btali u affarijiet ohra personali li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-kura u ben essere tar-rikorrenti u li zgur li ma jistghax jinghad li kienu intizi ghall-uzu u/jew ghall-interess esklussiv tieghu.

Illi ghandu jinghad li f'dan il-perjodu imsemmi l-unika persuna li kellha access ghall-kontijiet bankarji tal-esponenti, kienet proprju l-intimata Nicole Dalli Grech, u dan bhala mandatarja tieghu stante illi huwa ma kellu ebda mezz, fl-eta avvanzata tieghu u fl-istat fizika tieghu, li jaccessa jew jaghmel uzu minn dawn l-istess kontijiet wahdu.

Illi ir-rikorrenti qatt ma kien awtorizza li l-intimata u zewgha jizbankaw dawn il-flus sabiex jintuzaw ghal interessi personali taghhom u mhux ghal interessi u kura tieghu.

Illi bhala konsegwenza ta' dan r-rikorrenti applika sabiex jkollu t-thassir ta' kull prokura li setgha ta lil intimata Nicole Dalli Grech, u dan kif jirrizulta mid-Dokument hawn anness u mmarkat bhala **'Dokument B'.**

Illi ghalhekk, m'huwiex gust u korett illi l-intimati abbuzaw mill-mandat moghti lilhom u approffittaw ruhhom mill-assi u flus tal-esponenti, specjalment fl-istat vulnerabbli tieghu, u dan meta l-istess Nicole Dalli Grech kienet fdata bil-kura tal-istess esponenti u sabiex tiehu hsieb l-interessi tieghu bhala *bonus paterfamilias* u minghajr agir doluz, u dan kif rikjest ai termini tal-ligi senjatament l-Artikolu 1874(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi konsegwenza ta' dan l-agir deplorabbli tal-intimati, l-esponent, fl-eta ta' sitta u disghin sena, kellu jirrikorri ghall-proceduri legali, u dan sabiex jissalvagwardja l-patrimonju tieghu u jiehu lura dak li ttiehed minn ghandu b'qerq, malizja u agir doluz.

Illi kontestwalment ma dawn il-proceduri r-rikorrenti ukoll ghamel rapport mal-Pulizija Ezekuttiva sabiex jitmexxew

> proceduri kontra l-istess intimati ghal kwalunkwe agir kriminali li setgha jkun hemm f'dan ir-rigward.
>
> Illi ghalhekk, kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-intimata Nicole Dalli Grech abbuzat mill-mandat moghti lilha u l-obbligazzjonijiet fiducjarji assunti minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 1124A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> Illi l-intimati gew interpellati sabiex jirrifondu dawn l-ammonti mehudin b'qerq u ingann, sia bil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna tat-12 ta' April 2023, kif ukoll bil-flus adoperati fl-interess tal-intimati u mhux fl-interess tar-rikorrenti, u dan permezz ta' ittra ufficjali numru 2194/2024, quddiem liema ittra huma baqghu inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
>
> Illi ghalhekk jehtieg illi l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna tat-12 ta' April 2023 jigi dikjarat null u rexiss, stante illi huwa simulat peress li kellu jkun kuntratt ta' self u mhux kuntratt ta' donazzjoni, kif ukoll sabiex jigi dikjarat u deciz li l-intimati ghandhom jirrifondu il-flejjes kollha misapproprijati u mehuda minnhom minghajr il-kunsens u l-approvazzjoni tal-istess rikorrenti, liema flus ma gewx uzati fl-interess u kura tieghu, imma ghal gwadann u tgawdija tal-istess intimati biss.

ipproċeda biex talab lil din il-Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvediment ieħor li jidhrulha xierqa timponi, jogħġobha:

I. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna tat-12 t'April 2023 maghmul bejn ir-rikorrenti Charles O'Flaherty u Nicole Dalli Grech huwa simulat u vizzjat bi frodi stante illi r-rikorrenti gie ingannat sabiex jiffirma dan il-kuntratt ta' donazzjoni minflokk kuntratt ta' self, kif hekk kien miftiehem bejn il-partijiet;

II. Illi konsegwentement, tiddikjara li l-istess kuntratt ta' donazzjoni tat-12 ta' April 2023 fl-Atti tan-Nutar Anne Marie Tonna, huwa null u bla effett fil-ligi u bejn il-partijiet u dan stante illi huwa simulat u vizzjat bi frodi u ghalhekk ghandu jkun kunsidrat bhala kuntratt ta' self, hekk kif kien miftiehem bejn il-partijiet;

III. Tordna illi bhala konsegwenza l-kuntratt ta' donazzjoni tat-12 ta' April 2023 fl-Atti tan-Nutar Anne Marie Tonna ghandu jigi rexiss stante li dan ma kienx skont il-ftehim

raggunt bejn il-partijiet, u ghandu jigi ppublikat kuntratt ta' self, bil-kundizzjonijiet kif stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti, u bl-ipoteki specjali garantiti fuq proprjeta' immobiljari appartinenti lil-istess intimati

IV. Tahtar ghal dan il-ghan surreferit, Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-istess kuntratti bil-kundizzjonijiet kif stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti, f'jum, hin u lok stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;

V. Tinnomina kuraturi deputati sabiex jidhru ghal interessi tal-istess, f'kaz illi l-intimati ma jidhrux sabiex jiffirmaw l-istess kuntratti ta' rexissjoni u ta' self bil-kundizzjonijiet kif stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti;

VI. Tiddikjara u tiddeciedi ukoll, illi b'agir doluz u frawdolenti, l-intimati immisapproprijaw fondi li kienu jappartjenu lir-rikorrenti mill-kontijiet bankarji tieghu u dan bi ksur tal-obbligi fiducjarji assunti mill-intimata Nicole Dalli Grech kif ukoll b'abbuz tal-istess mandat lilha moghti.

VII. Tiddikjara li l-agir tal-intimati Nicole Grech Dalli u Andy Grech jikkostitwixxi eghmil doluz da parte tal-istess intimati u dan l-eghmil illegali u abbuziv jikkostitwixxi misapproprjazzjoni indebita tal-assi tar-rikorrenti u b'konsegwenza kkawzaw dannu ghar-rikorrenti;

VIII. Tillikwida id-danni rapprezentanti in kwantu ghal dak li gie indebitament misapproprjat mill-intimati;

IX. Tikkundanna lill-intimati jhallsu dan l-istess ammont hekk likwidat, oltre imghaxijiet legali;

Bl-ispejjeż inkluz tal-Ittra Ufficjali numru 2194/2024, kif ukoll bl-ispejjez tal-Mandat ta' Inibizzjoni u tal-Mandat ta' Sekwestru, u dan ipprezentati kontestwalment ma' din il-kawza, kontra l-intimati minn issa nġunta għas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuti fis-17 t'Ottubru 2024, li permezz tagħha huma wieġbu hekk:

1. ILLI in linea preliminari n-nullita tar-rikors promotur stante li kif ritenut mill-Qrati nostrali; *Il-kawzali dwar vizju tal-kunsens minhabba zball, qerq, vjolenza kif ukoll dik ta' simulazzjoni, huma inkonciljabbli ma' xulxin*[1].

[1] Prim Awla Carmena Muscat Vs Frank u Mary Louise sive Marisa konjugi Said 14.12.12

2. ILLI ukoll preliminarjament, u b' referenza għad-disgħa (9) talba, ir-rikorrenti għandu jagħti dettalji aktar preċisi b' referenza għat-transazzjonijiet speċifiċi minflok dikjarazzjoni vaga fejn jgħid *'jimmisapropriaw il-flus ta' l-esponenti u dan billi użaw l-istess flus għal għanjiet u skopiiet purament ta' gwadann personali tagħhom'*. Dana biex l-esponenti ikun f' posizzjoni jiddefendu rwieħhom aħjar.

3. ILLI ukoll in linea preliminari, l-esponenti Andy Grech għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante kif jidher ampjament mill-att esebit mar-rikors promotur, ossija il-kuntratt ta' donazzjoni in atti tan-Nutar Dr. Ann Marie Tonna datat 12 ta' April 2023, l-esponenti Andy Grech lanqas deher fuq dak l-att li tiegħu qed tintalab ir-rexissjoni permezz ta' l-azzjoni odjerna. Illi di piu, kif ukoll jirriżulta mir-rikors promotur l-esponenti Nicole Dalli BISS u waħedha, mingħajr l-assistenza u / jew l-intervent ta' l-esponenti Andy Grech, kienet il-mandatarja tar-rikorrenti.

4. ILLI fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-kuntratt impunjat ma kien affitt minn ebda vizzju peress li ukoll kienet l-istess nutar li fehemet fid-dettall lir-rikorrenti l-att li kien qed jiġi ppublikat.

5. ILLI kwantu għat-tielet (3) talba fejn qed jintalab li din l-Onorabbli Qorti tordna li jiġi ppublikat kuntratt ta' self, tali talba ma tistax tiġi akkolta għaliex din l-Onorabbli Qorti ma tistax u ma għandiex tissostitwixxi ruħha għall-volonta' libera tal-partijiet.

6. ILLI bla ħsara għal dak sueċċeppit, it-tmien (8) talba tar-rikorrenti hija waħda da likwidarsi u għaldaqstant id-disgħa (9) talba, in kwantu din l-Onorabbli qeda tiġi mitluba tikkundanna lill-esponenti jħallsu imgaxijiet legali, ma tistax tiġi akkolta;

7. ILLI l-esponenti Nicole Dalli dejjem qdiet l-inkarigu lilha mogħti fedelment u bid-diliġenza rikjesta tal-*bonus paterfamilias.*

8. ILLI t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjes.

9. Salv eċċezjonijiet ulterjuri pendenti l-eżitu tat-tieni (2) eċċezjoni.

3. Rat li fl-udjenza tal-21 t'Ottubru 2024, din il-Qorti ordnat li għandha tiġi qabel xejn deċiża l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti;

4. Rat is-sottomissjonijiet bil-kitba li ġew preżentati;

5. Rat li l-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti;

Ikkunsidrat:

6. Illi din hija sentenza limitata għall-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, li biha huma jgħidu li t-talbiet tal-attur ma joqgħodux flimkien u li dan iġib in-nullità tar-rikors li bih inbdiet il-kawża.

7. Bl-att li bih ġiet promossa din l-azzjoni, l-attur qed jitlob it-tħassir ta' kuntratt ta' donazzjoni li sar bejnu u bejn il-konvenuta fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna tat-12 t'April 2023 billi «*huwa simulat u vizzjat bi frodi*». Il-konvenuti jgħidu li l-kawżali tas-simulazzjoni u dik tal-vizzju tal-kunsens minħabba għemil doluż huma kontradittorji għal xulxin u ma jistgħux jiġu kumulati f'azzjoni waħda.

8. Huwa miżmum fid-dottrina illi:

> Il consenso carpito con dolo, ossia con inganno, non è valido ... e senza consenso valido non sorge negozio giuridico perfetto. Un vizio intrinseco preclude che il negozio possa produrre effetti giuridici. Ove le manovre fraudolenti siano usate da un estraneo, il negozio non è impugnabile, ma la vittima possiede un'azione di danni contro l'autore del dolo. L'inganno è unilaterale e proviene o da uno dei contraenti o da un estraneo. Nel negozio simulato, l'inganno è opera dei soggetti del rapporto e se ne servono per danneggiare altrui. Il consenso non è affetto da nessun vizio e il dissidio tra l'interno volere e la dichiarazione di volontà, è un fatto volontario dei contraenti.[2]

9. Kif tajjeb ġie mfisser fid-deċiżjoni ***Carmel Grima et vs. Saviour Grima et*** (Prim'Awla, 17 ta' Novembru 2014): «*Illi att ikun simulat meta, bil-volontà tal-persuni li jidhru*

[2] ***Butera***, Della Simulazione nei Negozi Giuridici e degli atti 'in fraudem legis' (Torino, 1936), §16.

*fuqu, ikollu sinifikat apparenti divers minn dak li realment ikollu. Simulazzjoni neċessarjament timporta l-fatt li l-partijiet ikunu konsapevoli ta' dak li jkunu qed jagħmlu fil-kuntratt. Għalhekk il-kunsens tal-partijiet fuqu ikun validu, madanakollu jkun qed isir bil-kunsens tagħhom it-tnejn b`mod falz».* Dan kuntrarjament għall-każ fejn jiġi allegat vizzju tal-kunsens minħabba għemil doluż; hemmhekk, il-kunsens ta' wieħed mill-kontraenti mhux validu għaliex inkiseb b'qerq. F'termini prattiċi, il-kontraent imqarraq ta l-kunsens tiegħu għal att differenti minn dak li ġie indott jifhem li kien qed jagħti l-kunsens tiegħu dwaru. Fis-simulazzjoni, iż-żewġ kontraenti qablu dwar negozju ġuridiku partikolari, iżda qablu wkoll li jagħtu lin-negozju maqbul apparenza esterjuri differenti biex jiġu ngannati terzi.

10. F'dan is-sens għalhekk din il-Qorti tikkondividi l-ġurisprudenza ċitata fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti li hija fis-sens li dawn iż-żewġ kawżali ma joqgħodux flimkien. B'mod partikolari, fid-deċiżjoni ***Flavia mart Saviour Cassar et vs. Carmelo Muscat et*** (Appell Superjuri, 14 ta' Novembru 2011) ġie miżmum dan li ġej:

> Jidher ċar li l-atturi ma kellhom ebda ħjiel la li kien hemm simulazzjoni u anqas li kien hemm xi għemil qarrieqi jew xi vjolenza morali jew xort'oħra, u sempliċiment għamlu l-kawża biex isservi biss bħala mezz ta' investigazzjoni biex jippruvaw isibu xi ħaġa li tista' twassal għar-rexxissjoni tal-kuntratt, dak li fit-tradizzjoni legali Ngliża nsibuha bħala *a fishing expedition*. Kieku ma kienx hekk l-atturi ma kienux jiddeduċu kawżalijiet li effettivament jeskludu lil xulxin. L-ewwel ipotesi tagħhom tipprospetta sitwazzjoni fejn il-partijiet fuq il-kuntratt deliberatament u konsapevolment ingħaqdu bejniethom sabiex jaħbu n-natura vera tan-negozju ġuridiku li kienu qed jidħlu għalih waqt li t-tieni ipotesi tipprospetta sitwazzjoni fejn waħda mill-partijiet ġiet mqarrqa mill-oħra jew fejn il-kunsens ta' wieħed mill-partijiet ġie karpit bi vjolenza morali u pressjoni da parti tal-parti l-oħra, żewġ ipotesijiet, dawn l-aħħar, li huma wkoll fihom infushom kontradittorji. Il-konfużjoni, imbagħad, tkompli tikber u taggrava ruħha għaliex l-ipotesijiet prospettati fiċ-ċitazzjoni ġew hekk prospettati mhux fl-alternattiv iżda fil-kumulattiv. Iżda kemm jekk it-talbiet tal-atturi jitqiesu bħala tlett azzjonijiet distinti prospettati fl-alternattiv kemm jekk jitqiesu bħala azzjoni kumulattiva waħda b'diversi kawżalijiet kontradittorji, dan kollu jqiegħed lill-konvenuti fl-impossibilita` li jiddeterminaw x'qegħdin jippretendu bil-preċiż l-atturi u jqiegħed lill-konvenuti f'pożizzjoni prekarja li ma jkunux jafu x'linja ta'

> difiża jintraprendu mingħajr ma jippreġudikaw il-pożizzjoni tagħhom.

11. Bl-istess mod, fid-deċiżjoni ***Carmena Muscat vs. Frank Said et*** (Prim'Awla, 14 ta' Diċembru 2012) ġie wkoll miżmum li l-kawżali tas-simulazzjoni hija inkompatibbli ma' kawżali oħrajn radikati fuq il-vizzju fil-kunsens, bid-differenza li f'din id-deċiżjoni l-Qorti tat lill-attriċi l-opportunità li tagħżel fuq liema kawżali kellha titkompla l-azzjoni tagħha.

12. Huwa minnu li kemm fil-premessi tar-rikors ġuramentat u kemm fit-talbiet tintuża l-kelma "simulat". Però l-atti ġudizzjarji, u wara kollox kull kitba oħra, m'għandhiex tinftiehem biss skont kelma waħda iżda fid-dawl tal-kontenut sħiħ tagħhom. Fil-fehma tal-Qorti, qari sħiħ tar-rikors li bih inbdiet il-kawża juri b'mod biżżejjed ċar li dak li qed jippretendi l-attur – tajjeb jew ħażin – huwa li ġie ngannat mill-konvenuta meta ftiehem magħha li se jsellifha xi flus iżda hija nduċietu biex jiffirma kuntratt ta' donazzjoni minflok. Din il-pretensjoni tal-attur toħroġ b'mod ċar mill-premessi tar-rikors ġuramentat.

13. Huwa prinċipju assodat dak li jippermetti lill-Qrati li japplikaw il-prinċipju tal-ekwipollenza meta jiġu biex iqisu l-kontenut tal-att li bih tinbeda l-kawża. Fid-deċiżjoni ***Nicholas Cini noe vs. Mario Agius*** (Appell Superjuri, 14 ta' Mejju 1990)[3] ġie miżmum: «*Illi dawn il-Qrati f'diversi okkażjonijiet kellhom opportunità jesprimu ruħhom fuq allegati nullitajiet ta' ċitazzjonijiet konċernanti l-aspett tal-kawżali u skond ġurisprudenza kostanti vide Sciortino vs Micallef (Vol. XLIII.II.751) u sentenzi oħra li fihom hemm riferenza għalihom il-kawżali tista' tkun dedotta mid-domanda u saħansitra jekk ma tkunx ċara biżżejjed fiċ-ċitazzjoni biżżejjed tkun bażata fid-dikjarazzjoni relattiva*». Rilevanti wkoll id-deċiżjoni ***L-Avukat Dottor Stefan Frendo noe vs. Philip Attard noe*** (Prim'Awla, 19 ta' Ġunju 1989)[4], li fiha ntqal hekk:

> Huwa veru wkoll li l-liġi ma tirrikjedix kliem partikolari għal kif għandha tiġi fformulata ċ-ċitazzjoni, imma biżżejjed jinftiehem x'ikun qed jitlob l-attur, b'mod li l-kawżali tista' tkun espressa lakonikament u tista' tkun saħanistra indotta mid-domanda, u, jekk ma tkunx ċara

[3] Kollezz. Vol.LXXIV.ii.404.
[4] Kollezz. Vol.LXXIII.iii.971.

> biżżejjed fiċ-ċitazzjoni, biżżejjed tkun spjegata fid-dikjarazzjoni relattiva.

14. Kif diġà osservat, il-Qorti hija sodisfatta li l-kawżali reali tal-azzjoni tal-attur hija dik tal-vizzju fil-kunsens. Hekk biss jista' jinftiehem ir-rikors ġuramentat. Però huwa minnu wkoll li r-rikors ġuramentat fih talbiet li jmorru lil'hinn mir-rimedji konsegwenzjali għall-azzjoni rexxissorja minħabba vizzju fil-kunsens. L-attur fil-fatt qed jitlob illi b'żieda mat-tħassir tal-att ta' donazzjoni impunjat, din il-Qorti tiddikjara li bejn il-kontendenti hemm kuntratt ta' self, u jridu wkoll li l-Qorti tagħti ordnijiet sabiex jiġi ppubblikat dan il-kuntratt ta' self. Dawn però m'humiex rimedji li huma mogħtija fl-azzjoni rexxissorja, u huma mogħtija biss fl-azzjoni ta' simulazzjoni, li però hija applikabbli għall-fattispeċi differenti minn dawk li fuqhom qed jibbaża l-pretensjonijiet tiegħu l-attur.

15. L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji hija regolata mill-artikolu 789 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jgħid hekk:

> (1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata-
> (a) Jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;
> (b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;
> (ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;
> (d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:
>
> Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi.
>
> (2) L-eċċezzjoni ta' nullità ta' att, taħt is-subartikolu (1)(ċ), ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħat tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità.

16. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom il-konvenuti ma jispjegawx fuq liema parti mill-artikolu 789 qiegħdin jappoġġjaw l-ewwel eċċezzjoni tagħhom. Fil-fehma tal-Qorti, dan mhux każ li fih hemm xi nullità espressament komminata mil-liġi, jew xi nuqqas

ta' partikolarità essenzjali meħtieġa mil-liġi. L-uniku subinċiż li jista' jitqies applikabbli huwa dak li jirrigwarda l-vjolazzjoni tal-forma – vjolazzjoni li però tista' twassal għan-nullità tal-att biss jekk din ma tistax tissewwa taħt xi dispożizzjoni oħra tal-liġi.

17. Wara li ħasbet fit-tul, il-Qorti jidhrilha li t-tħassir tal-att promotur tal-kawża hija sanzjoni estrema li mhux neċessarja fil-każ odjern. Kif ġie miżmum fid-deċiżjoni ***Guido J. Vella A. & C.E. vs. Dr Emanuel Cefai LL.D*** (Appell Superjuri, 4 ta' Novembru 1991)[5]: «*In-nullità li qed jipprospetta l-konvenut, billi m'hix waħda li hija dikjarata espressament mil-liġi – artikolu 789(1)(a) Kapitolu 12, - trid tkun waħda li hija neċessarja għaliex ħolqitlu preġudizzju li ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat – artikolu 789(1)(ċ) Kapitolu 12 – jew għaliex l-att nieqes minn xi partikolarità essenzjali meħtieġa mil-liġi espressament – artikolu 789(1)(d). Dan juri illi n-nullità ta' l-att ġudizzjali hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi imposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali*».

18. Issa f'dan il-każ, it-talbiet dwar il-pubblikazzjoni ta' kuntratt ta' simulazzjoni ma humiex sostnuti mir-raġunijiet tal-azzjoni, li kif espressi fir-rikors ġuramentat huma naxxenti unikament mill-pretensjoni tal-attur li huwa kien vittma ta' qerq u b'konsegwenza t'hekk huwa ta l-kunsens tiegħu għal negozju ġuridiku differenti minn dak li kellu f'moħħu meta ippresta l-kunsens tiegħu. Dan għalhekk ifisser li, sa fejn ir-raġunijiet u t-talbiet huma radikati fuq il-kawżali tal-għemil doluż, dawn ma huma afflitti minn ebda irritwalità. L-irritwalità tolqot biss dawk it-talbiet li jridu rimedju għal simulazzjoni, u dan għaliex l-azzjoni tal-attur għandha bħala raġuni tagħha biss il-qerq prattikat mill-konvenuti fuqu. Kif rajna, il-bażi ġuridika tas-simulazzjoni hija kompletament differenti minn dik li hija prospettata fil-premessi tar-rikors ġuramentat tal-attur. Il-fatt li wħud mit-talbiet tal-attur se jitqiesu irritwali ma toħloqx xkiel għall-prosegwiment tal-kawża dwar it-talbiet l-oħrajn. L-ewwel talba tal-attur trid dikjarazzjoni li l-kuntratt impunjat huwa null għaliex "simulat" u vizzjat bi frodi «*stante illi r-rikorrenti ġie ngannat sabiex jiffirma dan il-kuntratt ta' donazzjoni minflokk kuntratt ta' self, kif hekk kien miftiehem bejn il-partijiet*». Il-kelma "simulat" f'din it-talba għandha tinftiehem b'ekwipollenza bħala riferenza għall-pretensjoni ġenerali tal-

[5] Kollezz. Vol.LXXV.ii.467.

attur li huwa ġie ngannat jiffirma att b'ieħor u mhux fis-sens ġuridiku tagħha. U l-fatt li t-talbiet tal-attur għall-pubblikazzjoni tal-att ta' self minflok l-att impunjat se jitqiesu irritwali ma jżommux lil din il-Qorti, f'każ li ssib l-ewwel talba fondata, milli tagħti l-ordnijiet neċessarji sabiex jiġi ppubblikat il-kuntratt ta' rexxissjoni opportun. Wara kollox, l-attur ressaq it-talbiet tiegħu «*prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment ieħor li jidhrilha xierqa timponi din l-Onorabbli Qorti*», u b'hekk il-Qorti hija fakoltizzata tagħti dawk il-provvedimenti oħrajn li huma neċessarjament konsegwenzjali għat-talbiet espressament magħmula anki fl-assenza ta' talba speċifika[6].

19. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) tiddikjara li l-azzjoni tal-attur hija bażata unikament fuq il-kawżali tal-vizzju tal-kunsens minħabba għemil doluż;

(ii) tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti biss fis-sens li tiddikjara irritwali t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet tal-attur u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom;

(iii) tordna l-prosegwiment tal-kawża fir-rigward tat-talbiet u tal-eċċezzjonijiet rimanenti;

(iv) tordna li l-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni jkunu a karigu tal-attur.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur

[6] Ara ***Joseph Gasan vs. Farmaċista Nicola Spiteri*** (Appell Superjuri, 28/6/1948 – Kollezz. XXXIII.i.666), kif ukoll ***Avukat Dottor Robert Zammit vs. Costantino Abela et*** (Appell Superjuri, 7/12/2023).